# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 18 ta' Lulju 2017**

**Appell Kostituzzjonali numru 44/2016/2 MCH**
**Numru 6**

**Trevor Bonnici**

***v.***

**L-Avukat Ġenerali**

1. Dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-10 ta' Novembru 2016 li sabet li l-istqarrija li ngħatat mill-attur fil-21 ta' Lulju 2004 ittieħdet bi ksur tal-jedd fundamentali tiegħu hekk kif imħares taħt l-art. 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [il-"Konvenzjoni"] b'rabta mal-art. 6(1) tagħha. Sabet ukoll ksur tad-dritt fondamentali tal-attur imħares taħt l-art. 5(4) tal-Konvenzjoni. Ma sabet l-ebda ksur tal-jedd fundamentali tiegħu imħares taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-"Kostituzzjoni"].

2. Il-fatti relevanti huma dawn: l-attur kien arrestat fl-20 ta' Lulju 2004, għall-ħabta tas-1.15 *p.m.* fuq suspett ta' użu u tqassim ta' droga. L-interrogazzjoni tiegħu mill-pulizija saret l-għada, l-21 ta' Lulju 2004 fid-9.15 *a.m.* Matul din l-interrogazzjoni l-attur għamel stqarrija – li iżda ma ġietx iffirmata minnu – li fiha ammetta l-involviment tiegħu. Minkejja li kien għamel din l-istqarrija minjeddu u wara li ngħata t-twissija li trid il-liġi, l-attur ma kienx tħalla jieħu parir ta' avukat qabel, peress li dak iż-żmien dan id-dritt ma kienx mogħti bil-liġi domestika, u ddaħħal fis-seħħ fl-10 ta' Frar, 2010, permezz tal-Avviż Legali 35 tas-sena 2010.

3. Il-pulizija fetħet proċeduri kriminali kontra l-attur quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Matul dawn il-proċeduri l-attur ċaħad dak kollu li kien qal fl-istqarrija u qal li l-istqarrija kien għamilha biss għax kien ilu għoxrin siegħa miżmum u kellu biss ħsieb li jmur lura d-dar biex jiekol.

4. Fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2011 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tqajjem l-ilment li l-imputat – l-attur tallum – talab li ssir referenza lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) dwar il-fatt li meta huwa għamel l-istqarrija huwa ma setax jikkonsulta mal-avukat tal-fiduċja tiegħu. It-talba iżda ġiet miċħuda. Il-Qorti tal-Maġistrati mbagħad b'sentenza tal-25 ta' Frar 2015 sabet lill-attur ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu sena u nofs priġunerija effettiva u multa ta' elf u ħames

mitt ewro (€1,500).[1] L-attur appella iżda l-Qorti tal-Appell Kriminali b'sentenza tas-16 ta' Diċembru 2015 ċaħdet l-appell.[2]

5. L-attur imbagħad fetaħ dawn il-proċeduri tallum b'rikors tad-9 ta' Mejju 2016, u, billi kien tal-fehma li ġarrab ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu imħarsa taħt l-artt. 5(1) u (4) u 6(1) u (3) tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artt. 34 u 39 tal-Kostituzzjoni, talab illi l-qorti:

> »1. tiddikjara li l-istqarrija li ttieħdet mill-Pulizija tar-rikorrent fl-2004 u sussegwentement esebita fil-proċeduri kriminali kontrieh, ittieħdet u ġiet esebita bi ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent kif imħarsa fl-artikoli 5(1) u (4) u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-artiklu 34 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;
>
> »2. tiddikjara li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-25 ta' Frar 2015 kif ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-16 ta' Diċembru 2015 huma nulli u bla ebda effett *stante* li huma ibbażati unikament fuq stqarrija meħuda bi ksur id-dritt fondamentali tar-rikorrent hekk kif protett mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;
>
> »3. tiddikjara għalhekk illi d-detenzjoni tal-esponent hija illegali għax bażata fuq ksur tal-Konvenzjoni Ewropea, tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Kapitolu 319, kif fuq ingħad;
>
> »4. tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet tal-esponent hekk kif sanċiti fl-artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikoli 5(1) u (4), 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem billi takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fiċ-ċirkostanzi inkluż li tordna t-tħassir tas-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-25 ta' Frar 2015 u tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-16 ta' Diċembru 2015, u tordna r-rilaxx immedjat tar-rikorrent mill-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, u li tqiegħed lir-rikorrent fil-pożizzjoni tiegħu qabel ma ttieħdet l-istqarrija bi ksur tad-drittijiet tiegħu, u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni;
>
> »5. tillikwida kumpens xieraq u adegwat għad-danni li sofra l-esponent għaż-żmien kollu li ilu mċaħħad mill-libertà tiegħu u detenut fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin;
>
> »6. tordna lill-intimat iħallas lir-rikorrent il-kumpens hekk likwidat.«

6. Il-konvenut wieġeb hekk:

---

[1] Il-Pulizija (Spettur Frankie Sammut) *v.* Trevor Bonnici, Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, 25 ta' Frar 2015.

[2] Il-Pulizija (Spettur A Mallia) *v.* Trevor Bonnici, Qorti tal-Appell Kriminali, 16 ta' Diċembru 2015.

»1. illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni mhuwiex applikabbli fiċ-ċirkostanzi odjerni in kwantu l-allegazzjonijiet tar-rikorrent jirrigwardaw il-*pre-trial stage,* ossija, grajjiet li seħħew qabel ma kien inbeda xi proċediment kontra l-akkużat;

»2. illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jirrespinġu kull allegazzjoni da parti tar-rikorrent fis-sens illi l-istqarrija mogħtija minnu mingħajr ma qabel ingħata konsulenza legali jwasslu għall-ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu a tenur tal-artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u/jew l-artikoli 5(1) u (4), 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;

»3. illi dwar l-ilment tar-rikorrent li huwa ma kienx megħjun minn avukat waqt li huwa ġie interrogat, jibda billi jingħad li fil-proċeduri kriminali mertu tar-rikors in risposta qatt ma ġiet attakkata l-validità jew il-volontarjetà tal-istqarrija tiegħu ħlief aktar minn ħames snin wara li huwa rrilaxxa l-imsemmija stqarrija meta l-imputat xehed fl-udjenza tad-9 t'Ottubru 2009 u allega li huwa gideb waqt l-interrogazzjoni għaliex kien bil-ġuħ u ried jitlaq mill-għassa. Effettivament, matul il-proċeduri kriminali li jirreferi għalihom ir-rikorrenti fir-rikors promutur, huwa qatt ma oppona għall-preżentata tal-istess stqarrija fil-proċess kriminali, u kien biss fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2011 li l-imputat issolleva din il-lanjanza. Kif tajjeb osservat l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-deċiżjoni in kwistjoni "dan huwa sinjal li l-imputat stess ma kienx qed iħossu illi tqiegħed taħt żvantaġġ inġust bl-istqarrija tiegħu, li wara kollox għamilha liberament";

»4. illi bħala prinċipju ma jeżisti l-ebda dritt fundamentali ta' assistenza legali iżda jeżisti biss dritt fundamentali ta' smigħ xieraq meta bniedem jkun "arrestat u investigat" b'reat kriminali. Ċertament mhux il-każ li l-qrati nostrali rritenew li jekk persuna ma kinitx assistita minn avukat fl-istadju tal-investigazzjoni u tal-interrogazzjoni ta' suspettat, allura awtomatikament dik il-persuna sofriet ksur ta' dritt ta' smigħ xieraq kif qiegħed jallega r-rikorrent. In sostenn ta' dan l-esponenti jagħmlu referenza għal-każijiet fl-ismijiet <u>Charles Steven Muscat *v.* Avukat Ġenerali</u>; <u>John Attard *v.* Prim Ministru *et*</u>; <u>Ir-Repubblika ta' Malta *v.* Alfred Camilleri</u>; <u>Ir-Repubblika ta' Malta *v.* Martin Dimech</u> u <u>Il-Pulizija *v.* Tyrone Fenech</u>;

»5. illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-jedd għas-smigħ xieraq ma jingħatax biex min hu ħati jaħrab mill-konsegwenzi ta' għemilu. L-onorabbli Qorti Kostituzzjonali tgħallem li:

> »"14. ... il-jedd li jagħtu l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni huwa dak għal smigħ xieraq ... Il-jedd għal smigħ xieraq ma jingħatax biex min hu tassew ħati jasal biex, b'xi mod jew b'ieħor, ma jweġibx tal-ħtija tiegħu. Jekk il-jedd għal smigħ xieraq, kif interpretat u applikat, iwassal għal hekk, mela hemm xi ħaġa ħażina ħafna fis-sistema tal-ħarsien tad-drittijiet ...
>
> »"15. ... li għandha tagħmel din il-qorti hu illi tara jekk dak in-nuqqas wassalx għall-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq u hekk inħoloqx il-perikolu illi l-attur jinstab ħati meta ma kellux jinstab ħati. Jekk ma hemmx dak il-perikolu, mela ma hemmx ksur."

»6. illi kif jirriżulta mill-atti, għalkemm jirriżulta li l-fedina penali tar-rikorrent kienet waħda netta meta rrilaxxa l-istqarrija tiegħu, huwa la kien minorenni u lanqas kien ibati minn xi forma oħra ta' vulnerabilità fiż-żmien in kwistjoni. Lanqas jirriżulta xi prova fis-sens li ċ-ċirkostanzi

li fihom ittieħdet l-istqarrija kienu għaliħ intimidanti. *Inoltre*, l-imsemmija stqarrija ngħatat volontarjament, mingħajr theddid, wegħdi jew promessi ta' vantaġġi u wara li ingħata d-debita twissija skont il-liġi, senjatament, li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq iżda li dak li kien ser igħid seta' jinġieb bħala prova kontrieh. *Inoltre* jirriżulta ċar li r-rikorrent kien qed jifhem l-import taċ-ċirkostanza li kien jinsab fiha u ma kien affett minn l-ebda vulnerabilità partikolari fis-sens stabbilit mill-ġurisprudenza tal-qrati tagħna meta rrilaxxa l-istqarrija tiegħu;

»7. illi kif tgħallem il-ġurisprudenza nostrana, fil-liġi tagħna kif kienet fiż-żmien relevanti għall-każ tal-lum, qabel ma daħlu fis-seħħ l-artt. 355AT u 355AU tal-Kodiċi Kriminali, il-jedd li tibqa' sieket u ma tweġibx għall-mistoqsijiet li jsirulek kien assolut u bla kondizzjonijiet, u ma setgħet issir ebda inferenza minn dik l-għażla. Għalhekk, il-konsegwenzi li, fil-fehma tal-Qorti Ewropea, joħolqu l-ħtieġa ta' parir legali biex l-interrogat jagħżel iweġibx jew jibqax sieket ma jeżistux fil-każ tal-lum;

»8. illi *inoltre*, b'referenza għall-każistika li ċċita r-rikorrent in sostenn tat-teżi tiegħu, l-esponenti jtennu li d-dritt fundamentali għal smigħ xieraq irid jitqies skont iċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ b'dan illi d-deċiżjonijiet ċitati mir-rikorrent ma jistgħux jiġu applikati awtomatikament għall-każ odjern kif pretiż minnu;

»9. illi hija ukoll infondata l-allegazzjoni li l-intimat qiegħed jikser "sija l-kelma u sija l-ispirtu tal-*Brighton Declaration* ta' April 2012";

»10. illi dwar l-allegat ksur tal-artikolu 5(1) u (4) tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponent jirrileva li d-dritt għal-libertà mhuwiex wieħed assolut u effettivament dan l-artikolu tal-Konvenzjoni jagħmilha ċara li hemm diversi ċirkostanzi fejn persuna tista' tiġi mċaħħda mill-libertà tagħha fosthom f'każ ta' detenzjoni skont il-liġi ta' persuna wara li tinsab ħatja minn qorti kompetenti. Diċitura simili tinsab fl-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni li jipprovdi li "ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-libertà personali tiegħu ħlief kif jista' jkun awtorizzat b'liġi ... fl-esekuzzjoni tas-sentenza jew ordni ta' qorti, sew Malta sew band'oħra dwar reat kriminali li tiegħu ikun ġie misjub ħati". Effettivament, ir-rikorrent odjern jinsab privat mill-libertà tiegħu wara deċiżjoni finali u skont il-liġi tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-16 ta' Diċembru 2015 b'dan illi kull allegazzjoni ta' ksur tad-dritt tar-rikorrent għal-libertà tiegħu taħt l-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropea u 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta hija manifestament infondata;

»11. illi d-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-25 ta' Frar 2015 u tal-Qorti tal-Appell tas-16 ta' Diċembru 2015 fejn ir-rikorrent odjern ġie misjub ħati tal-akkużi dedotti kontrieh huma ben motivati u ngħataw skont il-liġi b'dan illi kull allegazzjoni li dawn id-deċiżjonijiet huma llegali hija għal kollox infondata u insostenibbli;

»12. illi l-allegat ksur tal-artikolu 5(4) u l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea lanqas ma jreġi. Kif se jirriżulta fil-ġbir tal-provi r-rikorrent ingħata kull fakoltà sabiex jiddefendi lilu nnifsu fil-proċeduri kriminali in kwistjoni kif ukoll għandu l-fakoltà li jirrikorri quddiem din l-onorabbli qorti f'każ illi jallega, kif qiegħed jagħmel permezz tal-proċeduri odjerni, ksur tad-drittijiet kostituzzjonali jew konvenzjonali tiegħu;

»13. illi kemm mill-premess kif ukoll mill-atti proċesswali huwa manifest li d-drittijiet tar-rikorrent, senjatament dawk sanċiti a tenur tal-artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u/jew l-artikoli 5(1) u (4), 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem qatt ma ġew leżi kif allegat minnu;

»14. illi finalment, *dato ma non concesso* li ġew leżi d-drittijiet kostituzzjonali jew konvenzjonali kif allegat mir-rikorrent, l-esponent jissottometti li r-rimedji mitluba mhux ġustifikati kif ukoll li ma hemm l-ebda lok għal kumpens pekunarju;«

7. L-ewwel qorti ddeċidiet il-kawża kif ġej:

»Tiċħad it-talbiet tar-rikorrent in kwantu dawn huma bbażati fuq l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;

»Tilqa' it-talbiet tar-rikorrent in kwantu tiddikjara li l-istqarrija li ngħatat minnu fil-21 ta' Lulju 2004 saret bi ksur tal-jedd fundamentali tiegħu hekk kif imħares bl-artikolu 6(3)(ċ) tal-Konvenzjoni, b'rabta mal-artikolu 6(1) tagħha, u konsegwentement tilqa' it-talba tar-rikorrent billi tħassar is-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-25 ta' Frar 2015, kif ukoll dik tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-16 ta' Diċembru 2015;

»Tordna li l-atti jintbagħtu lura lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali sabiex, wara li tidħol kopja ta' din is-sentenza fl-atti, dawn jiġu assenjati lil ġudikant ieħor tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabiex il-proċess penali jerġa' jibda mill-ġdid, tenut kont ta' dak dikjarat permezz ta' din is-sentenza;

»Tilqa' t-talbiet tar-rikorrent in kwantu dawn jinsabu msejsa fuq l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u fuq l-artikoli 5(4) u 13 tal-Konvenzjoni u tordna r-rilaxx komplut tar-rikorrent u tiddikjara illi fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ tillikwida d-danni mhux pekunarji in konnessjoni mal-leżjoni tal-artikoli msemmija fis-somma ta' tlett elef euro (€3,000);

»Tordna li l-intimat iħallas lir-rikorrent is-somma likwidata ta' tlett elef euro (€3,000).

»Fiċ-ċirkostanzi, l-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom jitħallsu mill-intimat.«

8. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Ikkunsidrat

»Mill-provi jirriżulta li r-rikorrent Trevor Bonnici kien arrestat fl-20 ta' Lulju 2004, għall-ħabta tas-1.15 *p.m.*, fuq suspett ta' użu u tqassim ta' droga. Huwa ġie interrogat l-għada, l-21 ta' Lulju, 2004 fid-9.15 *a.m.*, fejn ġiet irrilaxxata stqarrija minnu li fiha ammetta l-involviment tiegħu u dan mingħajr ma ngħata assistenza legali, peress li dak iż-żmien dan id-dritt ma kienx mogħti bil-liġi domestika, li ddaħħal fis-seħħ fl-10 ta' Frar 2010 permezz tal-Avviż Legali 35 tas-sena 2010.

»Mill-atti tal-proċediment kriminali jirriżulta li xehdu kemm l-Ispettur Mallia li kien investiga l-informazzjoni li daħlet u li ħa l-istqarrija tar-rikorrent, kif ukoll il-P.S. Sandro Camilleri, li ikkonfermaw li wara li ngħatat is-solita twissija Bonniċi għamel stqarrija, liema stqarrija huwa għażel li ma jiffirmax. L-istess stqarrija tinsab esebita fl-atti *a fol*. 11 ta' dak il-proċess. Il-persuna li tat l-informazzjoni lill-pulizija qatt ma xehdet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati peress li jingħad li ġiet nieqsa. Ir-rikorrent kien għażel li jixhed waqt is-seduta tad-9 ta' Ottubru 2009, fejn ċaħad dak kollu li jirriżulta mill-istqarrija u jgħid li dak id-diskors intqal biss peress li kien ilu għoxrin siegħa miżmum u kellu biss ħsieb li jmur lura d-dar biex jiekol. Ma jirriżultax li qatt sar il-kontro-eżami tar-rikorrent quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.

»Fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2011 tqajjem l-ilment li l-imputat xtaq li ssir referenza lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fil-kompetenza Kostituzzjonali tagħha dwar il-fatt li meta huwa rrilaxxja l-istqarrija huwa ma setax jikkonsulta mal-avukat tal-fiduċja tiegħu. Dan ir-rikors sar wara numru ta' sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali fir-rigward, bħal Pulizija *v.* Alvin Privitera deċiża fil-11 ta' April 2011, kif ukoll Pulizija *v.* Mark Lombardi, u Pulizija *v.* Esron Pullicino, it-tnejn deċiżi fit-12 ta' Frar 2011. Permezz ta' sentenza tal-5 ta' Diċembru 2011, il-Qorti tal-Maġistrati, bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ċaħdet it-talba għal referenza kostituzzjonali, peress li rriteniet li dan il-punt kien ġa deċiż awtorevolment mill-Qorti Kostituzzjonali u hija setgħet issegwi d-direzzjoni mogħtija mill-istess qorti.

»Wara li l-partijiet ittrattaw il-każ, il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali permezz tas-sentenza tagħha tal-25 ta' Frar 2015 iddeċidiet il-każ billi sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu sena u nofs priġunerija effettiva u multa ta' elf u ħames mitt euro (€1,500). Dan wara li qieset l-iżviluppi fil-ġurisprudenza kostituzzjonali fil-qasam ta' meta tingħata stqarrija mill-imputat, mingħajr l-assistenza tal-avukat, senjatament il-qies li jingħata għall-element ta' vulnerabilità ta' min ikun qiegħed jiġi interrogat mill-pulizija. Dik il-qorti tat is-sentenza tagħha wara li ttieħed kont tal-età tal-imputat meta għamel l-istqarrija, il-kredibilità tax-xiehda mogħtija minnu quddiem dik il-qorti, tenut kont tad-dekors ta' ħames snin qabel ma ressaq il-versjoni mogħtija quddiem il-qorti, li kienet ritenuta inverosimili u li kienet tinsab kontradetta bix-xiehda tal-Ispettur Mallia u mill-istess stqarrija.

»Ir-rikorrent appella mis-sentenza tal-ewwel qorti, iżda dik is-sentenza kienet konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Diċembru 2015, wara li ngħata qies li l-istqarrija ngħatat volontarjament, tant li għażel li ma jiffirmax l-istqarrija, u mingħajr mal-imputat ilmenta dwar il-fatt li ma ngħatax jiekol waqt li kien inżamm arrestat u li kien biss ħames snin wara li ħareġ bl-"iskuża" li gideb għaliex kien bil-ġuħ u ried jirritorna d-dar. Tali skuża kienet meqjusa infantili u l-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet li l-ewwel qorti għamlet sewwa li kkonkludiet li l-imputat kien xehed falz biex jevita l-konsegwenzi tal-ammissjoni inkriminatorja li għamel meta ġie interrogat. Il-Qorti tal-Appell għaddiet biex teżamina x-xiehda dettaljata li ngħatat mill-imputat waqt li għamel l-istqarrija, fosthom min fornielu d-droga, li għalkemm tressaq biex jixhed quddiem l-ewwel qorti, dan għażel li ma jixhidx biex ma jinkriminax ruħu. Fil-fehma tal-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie muri b'mod

inekwivoku li l-appellant kien ibigħ id-droga lit-terzi u, wara debita konsiderazzjoni, ikkonfermat ukoll il-piena erogata mill-ewwel qorti.

»Ir-rikorrent ressaq dawn il-proċeduri fid-9 ta' Mejju 2016, wara sentenza li ngħatat fit-12 ta' Jannar 2016, mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fl-ismijiet Borg *v.* Malta (applikazzjoni numru 37537/13). Huwa jisħaq li dik is-sentenza li kienet simili fil-mertu għall-każ tiegħu kien ritenut li Borg sofra ksur tad-drittijiet tiegħu kif sanċiti taħt l-artikolu 6(1) u (3) tal-Konvenzjoni Ewropea. Huwa jikkontendi li qegħdin jiġu leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu kif provduti taħt l-artikoli 5(1) u (4) u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll l-artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Qiegħed jitlob li s-sentenzi li ngħataw mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-25 ta' Frar 2015, kif ukoll tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-16 ta' Diċembru 2015, jiġu dikjarati nulli peress li huma bbażati unikament fuq l-istqarrija tiegħu u għalhekk ingħataw bi ksur tad-drittijiet tiegħu kif sanċiti taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni; li jiġi dikjarat li d-detenzjoni tiegħu hija konsegwentement waħda llegali għax bażata fuq sentenzi li ngħataw bi ksur tal-provvedimenti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni; jitlob li jingħata rimedji effettivi fosthom ir-rilaxx immedjat, sabiex jitqiegħed fil-posizzjoni li kien fiha qabel ma ttieħdet l-istqarrija bi ksur tad-drittijiet tiegħu u li tillikwida kumpens xieraq u adegwat għad-danni sofferti minnu għażżmien li ċċaħħad mill-libertà tiegħu sakemm detenut fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin.

»L-Avukat Ġenerali jirrespinġi r-rikors imressaq billi preliminarjament jikkontendi li l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma japplikax għall-ġrajjiet li seħħew qabel ma nbdew il-proċedimenti fil-konfront tar-rikorrent. Fil-mertu ġew respinti l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrent fis-sens li l-istqarrija li ngħatat minnu ma kisret ebda provvediment tal-Kostituzzjoni jew Konvenzjoni Ewropea. Jingħad ukoll li r-rikorrent qatt ma attakka l-volontarjetà jew validità tal-istqarrija ħlief wara aktar minn ħames snin minn meta rrilaxxa tali stqarrija, tant li lanqas biss ma oppona għall-preżentata tal-istess stqarrija fil-proċess kriminali. Jingħad ukoll li ma jeżisti ebda dritt fundamentali ta' assistenza legali, iżda jeżisti biss dritt fundamentali ta' smigħ xieraq, tant li mill-ġurisprudenza ta' Malta mhux kull nuqqas ta' assistenza kienet meqjusa li twassal awtomatikament għal ksur ta' dritt ta' smigħ xieraq. Isostni wkoll li l-jedd ta' smigħ xieraq ma għandux jingħata sabiex min hu ħati jaħrab mill-konsegwenzi ta' għemilu. Jisħaq li għalkemm meta rrilaxxa l-istqarrija r-rikorrent kellu fedina penali netta, huwa la kien minorenni jew isofri minn xi vulnerabilità, kif ukoll, li l-istqarrija ngħatat volontarjament, mingħajr theddid, wegħdiet u wara li saret id-debita twissija skond il-liġi li ma kienx obbligat jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq, u dak li jingħad minnu seta' jintuża bħala prova kontrieh. Jingħad ukoll li fiż-żmien li ttieħdet l-istqarrija, qabel ma daħlu fis-seħħ l-emendi sabiex saru l-provvedimenti taħt l-artikoli 355AT u 355AU tal-Kodiċi Kriminali, il-jedd li tibqa' sieket u ma tweġibx għall-mistoqsijiet li jsirulek kien assolut u ma setgħet issir ebda inferenza minn dik l-għażla. Id-dritt fundamentali għal smigħ xieraq għandu jitqies skond iċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ. Jisħaq li d-dritt ta' libertà mhux wieħed assolut peress li hemm diversi ċirkostanzi fejn persuna tista' tiġi mċaħħda minnha, fosthom f'każ ta' detenzjoni skond il-liġi ta' persuna li tinsab ħatja skont il-liġi u effettivament ir-rikorrent jinsab privat mill-libertà tiegħu wara deċiżjoni finali tal-Qorti tal-Appell Kriminali, li kienet

ben motivata u ngħatat skond il-liġi, kif ukoll ir-rikorrent kellu kull opportunità jiddefendi ruħu. Isegwi li r-rikorrent qatt ma sofra mill-leżjonijiet ilmentati minnu u fi kwalunkwe każ ir-rimedji mitluba minnu, fosthom kumpens pekunarju, mhux ġustifikati u għalhekk it-talbiet kollha tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda.

»Għandu jingħad mal-ewwel li l-ilment tar-rikorrent taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma jistax jissussisti, u l-eċċezzjoni mressqa mill-Avukat Ġenerali fir-rigward, għandha mis-sewwa, in kwantu li l-Qorti fil-kawża Ir-Repubblika ta' Malta *v.* Migneco deċiża fil-15 ta' Novembru 2011 waslet għall-konklużjoni li dan l-artikolu japplika biss meta persuna tkun akkużata b'reat u mhux qabel. F'dan il-każ l-allegat ksur seħħ waqt l-interrogazzjoni u qabel ma ġie akkużat ir-rikorrent. Għalhekk huwa ritenut li dan l-artikolu ma japplikax għall-każ in eżami.

»Ma jistax jingħad l-istess fil-każ tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Fis-siltiet rilevanti ta' dan l-artikolu jingħad hekk:

> »"(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi.
>
> »"(3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:
>
> »"(ċ) li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk."

»Fil-każ Salduz *v.* Turkey (27.11.2008), il-*Grand Chamber* tal-Qorti Ewropea saħaq li "*even though the applicant had been able to contest the charges at his trial, the fact that he could not be assisted by a lawyer while in police custody had irretrievably affected his defence rights, especially as he was a minor*".

»Fil-paragrafu determinanti ta' din is-sentenza (para. 55) jingħad hekk:

> »"55. Against this background, the Court finds that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" (see paragraph 51 above) Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6 (see, mutatis mutandi, Magee, cited above, § 44). The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction.

»Isegwi li r-regola hi li l-artikolu 6(1) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni mill-pulizija, sakemm ma jiġix pruvat li hemm raġunijiet impellenti għaliex dan id-dritt għandu jiġi ristrett. Id-dritt għal avukat hi r-regola, ir-restrizzjonijiet huma l-eċċezzjoni. Iżda anke jekk ikun hemm raġunijiet impellenti għal xi restrizzjonijiet, tkun xi

tkun ir-raġuni, dawn ir-restrizzjonijiet ukoll m'għandhomx jippreġudikaw id-drittijiet tal-akkużat taħt l-artikolu 6. Mhux il-każ li din il-qorti teżamina jekk kienx hemm raġunijiet impellenti l-għala d-dritt għal avukat ġie ristrett, billi l-appellant f'dan il-każ, fiż-żmien li għamel l-istqarrija, qatt ma kellu d-dritt għal avukat. Kif ingħad, dan id-dritt tal-akkużat ikun irrimedjabbilment preġudikat meta hu jirrilaxxa stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni magħmula filwaqt li ma jkunx assistit minn avukat u sussegwentement dawn l-istqarrijiet jintużaw kontra tiegħu.

»F'sentenza riċenti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ċitata mir-rikorrent, cioe dik ta' Mario Borg *v.* Malta deċiża fit-12 ta' Jannar 2016, ittrattat fost aggravji oħra, proprju dan id-dritt. Kif qalet il-qorti f'dik il-kawża:

> »"56. Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies (see Salduz *v.* Turkey (GCI, no. 36391102, §54, ECHR 2008).
>
> »"57. The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6§1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction (see Salduz, cited above, §55).
>
> »"58. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6 (ibid., §56).
>
> »"61. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see Salduz, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).
>
> »"62. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of

> police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§52, 55 and 56).
>
> »"63. There has accordingly been a violation of Article 6§3(c) taken in conjunction with Article 6§1 of the Convention."

»Il-Qorti Ewropea għamlitha ċara li n-nuqqas ta' assistenza legali anki fil-*pre-trial* stage jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-dritt sanċit bl-artikolu 6. Kif kellha okkażjoni din l-istess qorti tistqarr, il-każ Borg hu ċar bħala kejl in linea ta' prinċipju. Kull stqarrija li ssir bla assistenza legali, salv f'każijiet eċċezzjonali hi lesiva tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

»Din il-qorti għandha l-kompitu illi tara mhux biss jekk in-nuqqas ta' assistenza ta' avukat fl-istadju tal-istqarrija tar-rikorrent wassalx għall ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, iżda jekk b'dan in-nuqqas inħoloqx il-perikolu illi r-rikorrent jinstab ħati meta ma kellux jinstab ħati. Il-provi f'din il-kawża juru illi l-imputat ma kellux l-opportunità li jkellem avukat qabel għamel l-istqarrija jew f'xi waqt li kien miżmum fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Meta l-Qorti teżamina ż-żewġ sentenzi lmentati mir-rikorrent, jirriżulta li effettivament it-tnejn li huma jagħmlu referenza għall-istqarrija tar-rikorrent fis-sejbien ta' ħtija tiegħu, iżda jissemmew ukoll ix-xiehda tal-istess rikorrent u dik tal-pulizija fis-sejbien ta' ħtija tar-rikorrent.

»Huwa ritenut li l-qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali m'għandhomx jagħmlu valutazzjoni ġdida tal-provi tal-proċess kriminali, bħallikieku l-proċedura kostituzzjonali hija grad ieħor ta' appell. Il-fatt li l-qorti ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali tqis l-intier tal-proċeduri quddiem il-qrati ta' kompetenza kriminali ma jfissirx li għandha tagħmel valutazzjoni ġdida tal-fatti, għax il-kompitu tagħha mhuwiex dak. (Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-14 ta' Jannar 2013 fl-ismijiet Joseph Bugeja *v.* Avukat Ġenerali).

»Għalkemm kien hemm liġi li tagħti jedd lill-imputat għall-assistenza legali f'dawn iċ-ċirkostanzi, il-fatt inkonfutabbli jibqa' li dan il-jedd ma kienx għadu *in vigore* u għalhekk, fid-dawl ta' dak li ntqal, l-istqarrija li ttieħdet mingħand ir-rikorrent fil-21 ta' Lulju 2004, kif ukoll il-fatt li l-istess stqarrija ngħatat qies fl-għoti tas-sentenzi in eżami, iwasslu lil din il-qorti sabiex issib li tassew kien hemm leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq u konsegwentement saret bi ksur tal-jedd fundamentali tal-imputat ai termini tal-artikolu 6(1) u (3)(ċ) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

»Dan is-sejbien ta' leżjoni ta' drittijiet tar-rikorrenti jwassal għall-mistoqsija ta' x'għandu jkun ir-rimedju għalih. Wara li ħasbet fit-tul fuq il-konsegwenzi li joħorġu minn tali sejbien ta' ksur ta' drittijiet kif sanċiti taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, kif ukoll in konsiderazzjoni ta' dak kollu li ngħad qabel, iwasslu lil din il-qorti sabiex tiddeċiedi li għandha tħassar il-proċess li kien hemm quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni penali sabiex kollox jerġa' jibda mill-ġdid quddiem ġudikant ieħor.

»In kwantu l-ilmenti tar-rikorrent dwar l-artikolu 34(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, dawn huma intiżi sabiex iħarsu lill-individwu mill-arrest arbitrarju unikament fis-sens li jippermettu l-arrest biss għar-raġunijiet espressament elenkati fil-paragrafi tas-subartikolu (1) tal-artikoli rispettivi. Jekk l-arrest jew detenzjoni hi għal wieħed mill-iskopijiet imsemmija fl-istess artikoli u tkun saret

skond kif previst mil-liġi, dik id-detenzjoni ma tistax titqies arbitrarja jew illegali għaliex tkun espressament sanċita bl-artikoli fuq imsemmija.

»Fil-każ in eżami, huwa minnu li d-detenzjoni jew l-arrest tar-rikorrent in kwantu kien riżultat ta' proċess legali fejn huwa nstab ħati minn qorti kompetenti u għalhekk huwa in eżekuzzjoni ta' sentenza ta' qorti dwar reat kriminali li tiegħu ġie misjub ħati, ma jistax jingħad li kien wieħed arbitrarju jew illegali u dan kif wara kollox jipprovdu l-artikolu 34(1)(b) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 5(1)(a) tal-Konvenzjoni. Madankollu wieħed irid jistħarreġ il-konsegwenza tad-dikjarazzjoni tal-ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, kif ingħad qabel, fil-kuntest tal-artikoli tal-liġi invokati mir-rikorrent.

»Kif ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha tal-10 ta' Novembru, 2008, fl-ismijiet Joseph Portelli *v.* il-Pulizija (Spettur M. Mallia) et:

> »"U van Dijk u van Hoof, b'mod li aktar jagħmel għall-każ odjern, jgħidu hekk:
>
> > »"'The requirement that the deprivation of liberty must be lawful means not only that this particular penalty must find a sufficient basis in the conviction of the court concerned, but also – this in connection with Article 7 – that the facts to which the sentence relates constituted according to municipal law, at the time the offence was committed, a punishable act for which the imposition of imprisonment was possible ... The mere fact that a judicial sentence is annulled on appeal does not deprive the imprisonment imposed in execution of that sentence of its lawful character. However, the matter is different if the ground for annulment is precisely a manifest error with respect to the municipal law or a violation of one of the provisions of the Convention, in particular of Articles 6 and 7. ...
>
> »"Għalhekk din il-qorti [il-Qorti Kostituzzjonali] filwaqt li ma tindaħalx fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-qrati kompetenti, u anqas ma għandha tissostitwixxi l-interpretazzjoni tagħha ta' xi disposizzjoni tal-liġi għal dik ta' xi qorti oħra kompetenti, hija għandha però s-setgħa li tissindika dwar il-legalità ta' sentenza meta jkun hemm żball manifest ossia illegalità manifesta f'dik is-sentenza."

»Kunsidrat li huwa ritenut ukoll illi:

> »"A State must provide recourse to the Courts in all cases whether the detention is justified by article 5(1) or not. Accordingly, an article 5(4) claim must be considered even though the detention has been found to be lawful under the Convention (De Wilde Ooms and Versup *v.* Belgium, A para. 73 (1971). (In this case the Court held that article 5(4) was infringed even though article 5(1) was not) (*Law of the European Convention of Human Rights*, Harris O'Boyle Warbrick, p. 145 *et seq.*).

»"L-artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni jipprovdi:

> »"Kull min ikun ipprivat mil-libertà tiegħu b'arrest jew detenzjoni jkollu dritt li jagħmel proċeduri biex il-legalità tad-detenzjoni tiġi deċiża malajr minn qorti u l-libertà tiegħu tiġi ordnata jekk id-detenzjoni ma tkunx skont il-liġi."

»Ir-rikorrent jinvoka favur tiegħu wkoll il-provvediment taħt l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni li jipprovdi:

> »"Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali għalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkun qed jaġixxu f'kariga uffiċjali."

»Ladarba is-sentenzi li in forza tagħhom kien hemm l-arrest legali tar-rikorrent ser jitħassru permezz ta' din is-sentenza, konsegwenza tal-vjolazzjoni misjuba taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, isegwi li anke l-arrest tar-rikorrent ma jistax jibqa' fis-seħħ u dan in linea wkoll mal-prinċipju *quod nullum est nullum producit effectum*. Altrimenti l-arrest ulterjuri tar-rikorrent jipperpetra l-leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, din id-darba taħt l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni u artikolu 34 tal-Kostituzzjoni. Din il-qorti tirraviża li fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti jidher li l-istess rikorrenti jinsab fuq programm tal-*parole*.

»Għalhekk, dan kollu premess, din il-qorti trid issa teżamina u tiddeċiedi x'għandhom ikunu l-konsegwenzi ta' dak kollu li ngħad u x'għandu jkun ir-rimedju opportun. Kif ingħad, huwa meqjus li, in kwantu rriżultat leżjoni taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni fiċ-ċirkostanzi fejn is-sentenzi in eżami ċċitaw l-istqarrija tar-rikorrent sabiex instab ħati, isegwi li għandhom jitħassru s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-16 ta' Diċembru 2015, kif ukoll dik tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-25 ta' Frar 2015, isegwi li ma hemmx bażi legali fuq xiex f'dan l-istadju tibqa' fis-seħħ id-detenzjoni tar-rikorrent u jsegwi li għandu jiġi rilaxxat, dan sakemm il-proċess penali jerġa' jsir mill-ġdid u jiġi deċiż mill-qorti kompetenti jekk hemmx lok ta' sejbien ta' ħtija tar-rikorrent. *Inoltre* jkun xieraq li r-rikorrent jingħata danni għal leżjonijiet sofferti li qed jiġu likwidati komplessivament fis-somma ta' €3,000.«

9. L-Avukat Ġenerali appella b'rikors tat-30 ta' Novembru 2016 li għalih wieġeb l-attur fit-2 ta' Frar 2017.

10. L-ewwel aggravju tal-Avukat Ġenerali jolqot is-sejbien ta' ksur ta' drittijiet fondamentali. Fisser dan l-aggravju tiegħu hekk:

»5. Illi bir-rispett dovut, minkejja li l-esponent huwa konsapevoli minn dak deċiż mill-Qorti Ewropea fil-każijiet Salduz *v.* Turkey u Mario Borg *v.* Malta, huwa tal-umli fehma li fl-isfond taċ-ċirkostanzi odjerni l-ewwel onorabbli qorti ma kellha qatt issib leżjoni tal-jedd fundamentali tar-rikorrent appellat għal smigħ xieraq bi ksur tal-jedd fundamentali tiegħu *ai termini* tal-art. 6(1) u 3(ċ) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

»6. Illi dwar l-ilment tal-appellat li huwa ma kienx megħjun minn avukat waqt li huwa ġie interrogat, l-esponent jibda billi jgħid li bħala prinċipju ma jeżisti l-ebda dritt fundamentali ta' assistenza legali iżda jeżisti biss dritt fundamentali ta' smigħ xieraq meta bniedem jkun 'arrestat u investigat' b'reat kriminali. Ċertament mhux il-każ li l-qrati nostrali rritenew li jekk persuna ma kinitx assistita minn avukat fl-istadju tal-

investigazzjoni u tal-interrogazzjoni ta' suspettat, allura awtomatikament dik il-persuna sofriet ksur ta' dritt ta' smigħ xieraq kif qiegħed jallega r-rikorrent. In sostenn ta' dan l-esponent jagħmlu referenza għall-każijiet fl-ismijiet Charles Steven Muscat *v.* Avukat Ġenerali; John Attard *v.* Prim Ministru *et*; Ir-Repubblika ta' Malta *v.* Alfred Camilleri; Ir-Repubblika ta' Malta *v.* Martin Dimech u Il-Pulizija *v.* Tyrone Fenech;

»7. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-jedd għas-smigħ xieraq ma jingħatax biex min hu ħati jaħrab mill-konsegwenzi ta' għemilu. L-onorabbli Qorti Kostituzzjonali tgħallem li:

> »"14 … il-jedd li jagħtu l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni huwa dak għal smigħ xieraq ... Il-jedd għal smigħ xieraq ma jingħatax biex min hu tassew ħati jasal biex, b'xi mod jew b'ieħor, ma jweġibx tal-ħtija tiegħu. Jekk il-jedd għal smigħ xieraq, kif interpretat u applikat, iwassal għal hekk, mela hemm xi ħaġa ħażina ħafna fis-sistema tal-ħarsien tad-drittijiet ...
>
> »"15. … li għandha tagħmel din il-qorti hu illi tara jekk dak in-nuqqas wassalx għall ksur tal-jedd għal smigħ xieraq u hekk inħoloqx il-perikolu illi l-attur jinstab ħati meta ma kellux jinstab ħati. Jekk ma hemmx dak il-perikolu, mela ma hemmx ksur."

»8. Illi kif jirriżulta mill-atti, għalkemm il-fedina penali tar-rikorrent appellat kienet waħda netta meta rrilaxxata l-istqarrija tiegħu, huwa la kien minorenni u lanqas kien ibati minn xi forma oħra ta' vulnerabilità fiż-żmien in kwistjoni. Lanqas jirriżulta xi prova fis-sens li ċ-ċirkostanzi li fihom ittieħdet l-istqarrija kienu għalih intimidanti. *Inoltre*, l-imsemmija stqarrija ingħatat volontarjament, mingħajr theddid, wegħdi jew promessi ta' vantaġġi u wara li ngħata d-debita t-twissija skont il-liġi, senjatament, li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq iżda li dak li kien ser igħid seta' jinġieb bħala prova kontrieh. *Inoltre*, jirriżulta ċar li r-rikorrent kien qed jifhem l-import taċ-ċirkostanza li kien jinsab fiha u ma kien affett minn l-ebda vulnerabilità partikolari fis-sens stabbilit mill-ġurisprudenza tal-qrati tagħna meta rrilaxxa l-istqarrija tiegħu;

»9. Illi jiġi mtenni li fil-proċeduri kriminali mertu tal-proċeduri odjerni qatt ma ġiet attakkata l-validità jew il-volontarjetà tal-istqarrija tal-appellat ħlief aktar minn ħames snin wara li huwa rrilaxxa l-imsemmija stqarrija meta l-imputat xehed fl-udjenza tad-9 t'Ottubru 2009 u allega li huwa gideb waqt l-interrogazzjoni għaliex kien bil-ġuħ u ried jitlaq mill-għassa. Effettivament, matul il-proċeduri kriminali surriferiti, l-appellat qatt ma oppona għall preżentata tal-istess stqarrija fil-proċess kriminali, u kien biss fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2011 li l-imputat issolleva din il-lanjanza;

»10. Illi kif tajjeb osservat l-onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-deċiżjoni in kwistjoni "dan huwa sinjal li l-imputat stess ma kienx qed iħossu illi tqiegħed taħt żvantaġġ inġust bl-istqarrija tiegħu, li wara kollox għamilha liberament";

»11. Illi l-onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali tenniet ukoll li:

> »"Din il-qorti wkoll, għalhekk, ma għandhiex l-iċken dubbju illi l-appellanti kien igawdi minn din il-libertà tant illi fl-aħħar huwa

għażel li ma jiffirmax l-istqarrija tiegħu għalkemm jallega illi huwa ried ifittex imur lejn id-dar għax kellu il-ġuħ. Dan fil-fatt fih innifsu huwa indikattiv ta' kemm l-appellanti kien fehem it-twissija mogħtija lilu u li kien qiegħed iwieġeb għall-mistoqsijiet minn jeddu u mingħajr ebda biża' tant illi anke jagħti ċertu dettall fit-tweġibiet tiegħu li ma jistgħux ikunu biss frott tal-immaġinazzjoni jew invenzjoni. L-invenzjoni toħroġ biss fix-xiehda tiegħu fil-qorti meta jipprova jagħmel l-almu tiegħu biex iħassar l-effetti ta' l-istqarrija inkriminanti tiegħu."

»12. Illi kif tgħallem il-ġurisprudenza nostrana, fil-liġi tagħna kif kienet fiż-żmien relevanti għall-każ tal-lum, qabel ma daħlu fis-seħħ l-artt. 355AT u 355AU tal-Kodiċi Kriminali, il-jedd li tibqa' sieket u ma tweġibx għall-mistoqsijiet li jsirulek kien assolut u bla kondizzjonijiet, u ma setgħet issir ebda inferenza minn dik l-għażla. Għalhekk, il-konsegwenzi li, fil-fehma tal-Qorti Ewropeja, joħolqu l-ħtieġa ta' parir legali biex l-interrogat jagħżel iweġibx jew jibqax sieket, ma jeżistux fil-każ tal-lum;

»13. Illi f'dan l-isfond, l-ewwel onorabbli qorti ma kellha qatt issib li l-istqarrija li ngħatat mir-rikorrent appellat fil-21 ta' Lulju 2004 saret bi ksur tal-jedd fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq bi ksur tal-jedd fundamentali tiegħu *ai termini* tal-artikolu 6(1) u (3)(ċ) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta;«

11. Is-sentenzi tal-Qorti Ewropea fil-każijiet ta' Borg u ta' Dimech juru illi, f'każijiet fejn persuna akkużata ma tkunx tħalliet tikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tagħha waqt l-interrogazzjoni, għandha ssir distinzjoni bejn sitwazzjonijiet fejn il-proċeduri kriminali kontra l-istess persuna jkunu għadhom għaddejjin, u sitwazzjonijiet fejn il-proċeduri kriminali kontra l-istess persuna jkunu ntemmu.

12. F'ċirkostanzi li jaqgħu taħt l-ewwel tip ta' sitwazzjoni, *i.e.* fejn il-proċeduri kriminali jkunu għadhom għaddejjin, trid tistenna li jintemm il-proċess biex tqisu fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq. Fil-fatt, fis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ewropea fil-5 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet Tyrone Fenech *et v.* Malta, il-qorti spjegat kif ġej:

»In the present case the criminal proceedings concerning the applicants have not come to an end. Thus, although the constitutional jurisdictions have already decided the matter, the Court considers that

it cannot be excluded that, *inter alia*, the applicants be eventually aquitted or that proceedings be discontinued.

»The Court observes that applications concerning the same subject matter as that at issue in the present case were rejected as premature when the criminal proceedings were still pending (see, Dimech, … § 48, Kesik *v.* Turkey, (dec.), no. 18376/09, 24 August 2010 and Simons *v.* Belgium (dec.), no. 71407/10, 28 August 2012) and, where the applicant had ultimately been acquitted, the complaint was rejected on the ground that the applicant had no victim status (see Bouglame *v.* Belgium (dec.), no 16147/08, 2 March 2010).

»The Court finds no reason to deem otherwise in the present case. Without prejudice to the applicants' possibility of bringing new proceedings before this Court in the event of a conviction by the domestic courts, as matters stand to date, given that the criminal proceedings against the applicants are currently pending before the domestic courts, the Court finds this complaint to be premature.

»Consequently, this part of the application must be rejected, pursuant to Article 35 §§ 1 and 4 of the Convention, for non-exhaustion of domestic remedies.«

13. F'ċirkostanzi bħal dawk, meta l-proċeduri kienu għadhom pendenti, il-ġurisprudenza riċenti tagħna tgħid illi ma kien hemm l-ebda ksur tad-dritt fondamentali għas-smigħ xieraq tal-akkużat f'dak l-istadju[3] iżda li ma għandu jsir l-ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali u li din l-istqarrija għandha titneħħa mill-inkartament sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità li tista' twassal għal konsegwenzi bħal dawk fil-każ ta' Borg.[4]

14. Min-naħa l-oħra, f'ċirkostanzi li jaqgħu taħt it-tieni tip ta' sitwazzjoni, *i.e.* fejn il-proċeduri kriminali jkunu ntemmu, skond ir-raġunament tal-Qorti Ewropea fil-każ ta' Borg il-fatt fih innifsu li l-akkużat ma tħalliex jikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tiegħu fl-istadju tal-interrogazzjoni awtomatikament ifisser illi kien hemm vjolazzjoni tad-dritt tiegħu għal

---

3 Ara wkoll is-sentenza mogħtija mill-Qorti Ewropea fit-2 ta' Lulju 2015 fl-ismijiet Martin Dimech . Malta.

4 Ara, fost oħrajn, is-sentenzi mogħtija minn din il-qorti fis-27 ta' Jannar 2017 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) *v.* Clayton Azzopardi, u fl-24 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet Malcolm Said *v.* Avukat Ġenerali *et*.

smigħ xieraq imħares taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Il-Qorti Ewropea qalet hekk:

> »60. The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56; Navone and Others v. Monaco, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, § 82-85, 24 October 2013; Brusco v. France, no. 1466/07, § 54, 14 October 2010; and Stojkovic v. France and Belgium, no. 25303/08, §§ 51-57, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; Yesilkaya v. Turkey, no. 59780/00, 8 December 2009; and Fazli Kaya v. Turkey, no. 24820/05, 17 September 2013).
>
> »... … …
>
> »... … … in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56).
>
> »63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention. « [5]

15. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet u peress illi l-proċeduri kriminali kontra l-attur ntemmu bil-kundanna tiegħu, għandu jitqies irrelevanti: i. jekk l-attur kienx vulnerabbli fiż-żmien meta għamel l-istqarrija; ii. jekk l-istqarrija ngħatatx volontarjament, mingħajr theddid, wegħdi jew promessi ta' vantaġġi u wara li min għamilha ngħata t-twissijiet li trid il-liġi; iii. jekk fehemx iċ-ċirkostanza li kien jinsab fiha; u iv. jekk qatt ġietx attakkata l-validità jew il-volontarjetà tal-istqarrija.

16. Li huwa ta' rilevanza fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum huwa biss: i. li l-liġi Maltija fiż-żmien meta l-attur kien arrestat ma kienetx tagħti dritt tal-

---

[5] Dan ir-raġunament ġie addottat mill-Qorti Ewropea f'diversi każijiet oħra, fosthom fis-sentenzi <u>Yigitdogan *v.* Turkey</u> (No. 2) mogħtija fit-3 ta' Ġunju 2014, <u>Boz *v.* Turkey</u> mogħtija fid-9 ta' Frar 2010 u <u>Dayanan *v.* Turkey</u> mogħtija fit-13 ta' Ottubru 2009.

assistenza legali lill-arrestat fl-ebda ħin tal-arrest, qabel jew matul l-interrogazzjoni; ii. li l-attur ma ġiex mistoqsi jekk riedx jingħata din l-assistenza legali – anzi jidher illi t-talba tiegħu sabiex jitħalla jkellem avukat ġiet miċħuda;[6] iii. li l-istqarrija tal-attur li ttieħdet matul l-istess interrogazzjoni ntużat kemm mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex dawn waslu għal sejbien ta' ħtija; iv. li l-proċeduri kriminali kontra l-attur ġew mitmuma.

17. Fid-dawl ta' dan kollu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum kien hemm ksur tad-dritt tal-attur imħares taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni. Dan l-ewwel aggravju għalhekk qiegħed jiġi miċħud.

18. Ngħaddu issa biex inqisu t-tieni u t-tielet aggravji li ressaq l-Avukat Ġenerali. Dawn l-aggravji sejrin jitqiesu flimkien għax it-tnejn li huma jolqtu r-rimedji mogħtija mill-ewwel qorti. Fisser dan l-aggravju tiegħu hekk:

> »14. Illi bla ħsara għall-premess, *dato ma non concesso* u biss għall-grazzja tal-argument li r-rikorrent appellat ġarrab leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq bi ksur tal-jedd fundamentali tiegħu *ai termini* tal-artikolu 6(1) u (3)(ċ) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponent iħossu aggravat bir-rimedju mogħti lir-rikorrent illum appellat mill-ewwel onorabbli qorti inkwantu ma kellha qatt tħassar is-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-25 ta' Frar 2015 u dik tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-16 ta' Diċembru 2015 u tordna li l-atti għandhom jerġgħu jintbagħtu lura lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali sabiex, wara li tidħol kopja tas-sentenza fl-atti, dawn jiġu assenjati lil ġudikant ieħor tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex il-proċess penali jerġa' jibda mill-ġdid. L-ewwel onorabbli qorti kienet ukoll żbaljata meta laqgħat it-talbiet tar-rikorrent in kwantu msejsa fuq l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u fuq l-artikoli 5(4) u 13 tal-Konvenzjoni u ordnat r-rilaxx komplut tiegħu;
>
> »15. Illi l-ewwel onorabbli qorti għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet qabel ma waslet għal din id-deċiżjoni:

[6] Ara *foll.* 47, 69, 75 tal-proċess tal-ewwel qorti.

»"Dan is-sejbien ta' leżjoni ta' drittijiet tar-rikorrenti jwassal għall-mistoqsija ta' x'għandu jkun ir-rimedju għalih. Wara li ħasbet fit-tul fuq il-konsegwenzi li joħorġu minn tali sejbien ta' ksur ta' drittijiet kif sanċiti taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, kif ukoll in konsider-azzjoni ta' dak kollu li ngħad qabel, iwasslu lil din il-qorti sabiex tiddeċiedi li għandha tħassar il-proċess li kien hemm quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni penali sabiex kollox jerġa' jibda mill-ġdid quddiem ġudikant ieħor."

»16. Illi bir-rispett dovut l-esponent jisħaq li għalkemm din l-onorabbli qorti fil-vesti kostituzzjonali tagħha tista' tagħti kull rimedju li jidhrilha xieraq, l-iskop ewlieni tad-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet funda-mentali huwa sabiex jiġu stabbiliti *standards* u s-sejbien ta' vjolazzjoni ta' dawn l-i*standards* hija r-rimedju ewlieni;

»17. Infatti l-qorti fis-sede kostituzzjonali tagħha mhijiex obbligata tabilfors illi tistabilixxi rimedju f'dawn il-każijiet, u meta jingħata tali rimedju dan isir minħabba l-fattispeċji pekuljari tal-każ partikolari. Dan neċessarjament ifisser li anke jekk *ex gratia argomenti* l-qorti ta' sede kostituzzjonali ssib ksur tad-drittijiet fundamentali li jkunu qed jiġu invokati, dan ma jfissirx awtomatikament li hija sejra tgħaddi biex tistabilixxi rimedju ieħor għajr id-dikjarazzjoni ta' leżjoni;

» 18. Illi f'dan il-kuntest l-esponenti jirreferi għall-kawża fl-ismijiet Major Peter Manduca *v.* L-Onorevoli Prim Ministru deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-23 ta' Jannar 1995 fejn intqal li "Il-qorti rat ukoll deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea. Hemm każijiet fejn il-qorti dehrilha li kien suffiċjenti għar-rikorrenti illi jkollu dikjarazzjoni li d-drittijiet tiegħu kienu verament ġew leżi. Hawn ir-rikorrent kellu l-vindikazzjoni tal-allegazzjoni tiegħu (*just satisfaction*) però ma ġiex akkordat kumpens materjali. Fost l-aktar ġurisprudenza reċenti in rigward il-qorti rat Cooperattiva Parco Cuna *v.* Italy, Lorenzi, Bernardini u Gritti *v.* Italy u Tumminelli *v.* Italy (ilkoll deċiżi 24.1.1992) u Ruiz Mateos *v.* Spain (23.6.1993)";

»19. Illi jsegwi għalhekk illi fil-ġeneralità tal-każijiet ir-rimjedu *oltre* dikjarazzjoni ta' leżjoni f'kawżi kostituzzjonali hija l-eċċezzjoni u mhux ir-regola għaliex ħafna mid-drabi dikjarazzjoni tal-vjolazzjoni tkun biżżejjed. Illi ċertament fil-każ odjern, dejjem bla ħsara għall-aggravju premess, dikjarazzjoni ta' leżjoni għandha tkun rimedju suffiċjenti;

»20. Illi *multo magis,* ma kienx hemm lok għat-tħassir tas-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-25 ta' Frar 2015 u/jew tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-16 ta' Diċembru 2015 kif pretiż mir-rikorrent u għar-rilaxx komplut tar-rikorrent illum appellat. Dejjem bla ħsara għall-premess jiġi rilevat li kull fejn il-Qorti Ewropea sabet ksur abbażi ta' lanjanza simili r-rimedju mogħti minnha kien biss wieħed monetarju u qatt ma ordnat it-tħassir ta' deċiżjonijiet mogħtija mill-qrati kompetenti;

»21. Illi dwar l-allegat ksur tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponent jisħaq li dan dritt għal-libertà mhuwiex wieħed assolut u effettivament dan l-artikolu tal-Konvenzjoni jagħmilha ċara li hemm diversi ċirkostanzi fejn persuna tista' tiġi mċaħħda mill-libertà tagħha fosthom f'każ ta' detenzjoni skont il-liġi ta' persuna wara li tinsab ħatja minn qorti kompetenti. Terminoloġija simili tinsab fl-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni li jipprovi li "ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-libertà personali tiegħu ħlief kif jista' jkun awtorizzat b'liġi ... fl-esekuzzjoni

tas-sentenza jew ordni ta' qorti, sew Malta sew band'oħra, dwar reat kriminali li tiegħu ikun ġie misjub ħati";

»22. Illi kif jirriżulta mill-atti, l-appellat odjern ġie privat mil-libertà tiegħu wara deċiżjoni finali u skont il-liġi tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-16 ta' Diċembru 2015. Effettivament, l-ewwel onorabbli qorti nnifisha apprezzat il-fatt li:

> »"Fil-każ in eżami, huwa minnu li d-detenzjoni jew l-arrest tar-rikorrent in kwantu kien riżultat ta' proċess legali fejn huwa nstab ħati minn qorti kompetenti u għalhekk huwa in eżekuzzjoni ta' sentenza ta' Qorti dwar reat kriminali li tiegħu ġie misjub ħati, ma jistax jingħad li kien wieħed arbitrarju jew illegali u dan kif wara kollox jipprovdu l-artikolu 34(1)(b) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 5(1)(a) tal-Konvenzjoni."

»23. Illi madanakollu, l-ewwel onorabbli qorti ddeċidiet li:

> »"Ladarba is-sentenzi li in forza tagħhom kien hemm l-arrest legali tar-rikorrent, ser jitħassru permezz ta' din is-sentenza, konsegwenza tal-vjolazzjoni misjuba taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jsegwi li anke l-arrest tar-rikorrent ma jistax jibqa' fis-seħħ u dan in linea wkoll mal-prinċipju *quod nullum est nullum producit effectum.* Altrimenti l-arrest ulterjuri tar-rikorrent jipperpetra l-leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, din id-darba taħt l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni u artikolu 34 tal-Kostituzzjoni."

»24. Illi bir-rispett dovut l-esponent itenni li l-ewwel onorabbli qorti ma kellha qatt tordna r-rilaxx komplut tar-rikorrent illum appellat in kwantu kif tajjeb irritjeniet din l-onorabbli qorti l-jeddijiet li jagħtu l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni ma jingħatawx biex min hu tassew ħati jasal biex, b'xi mod jew b'ieħor, ma jweġibx tal-ħtija tiegħu. Dak li kellha tagħmel l-ewwel onorabbli qorti kien għalhekk illi tara jekk inħoloqx il-perikolu illi ir-rikorrent jinstab ħati meta ma kellux jinstab ħati;

»25. Illi effettivament, fil-każ odjern, kif jirriżulta mill-inkartament tal-proċeduri kriminali u l-assjem tal-provi prodotti huwa manifest li ma hemmx dak il-perikolu b'dan illi l-ewwel onorabbli qorti ma kellha qatt tħassar id-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-25 ta' Frar 2015 u dik tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-16 ta' Diċembru 2015, tordna li l-atti għandhom jerġgħu jintbagħtu lura lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali sabiex, wara li tidħol kopja tas-sentenza fl-atti, dawn jiġu assenjati lil ġudikant ieħor tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex il-proċess penali jerġa jibda mill-ġdid, u tordna r-rilaxx komplut tar-rikorrent illum appellat;

»… … …

»26. Illi l-esponent ħassu ulterjorment aggravat mill-fatt li l-ewwel onorabbli qorti ddeċidiet li huwa xieraq li r-rikorrent jingħata danni għal leżjonijiet sofferti li ġew likwidati komplessivament fis-somma ta' €3,000;

»27. Illi a skans ta' ripetizzjoni inutli, l-esponent jirreferi għall-aggravju preċedenti tiegħu u jtenni li *dato ma non concesso* u biss għall-grazzja tal-argument li r-rikorrent appellat ġarrab leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu, id-danni likwidati mill-ewwel onorabbli qorti huma eċċessivi fl-isfond taċ-ċirkostanzi odjerni.«

19. Sabiex tara jekk ir-rimedji mogħtija mill-ewwel qorti humiex xierqa fiċ-ċirkostanzi, din il-qorti sejra tqis kemm dak li ntqal mill-attur fl-istqarrija tiegħu mogħtija lill-pulizija fil-21 ta' Lulju 2004 kif ukoll il-piż li l-qrati kriminali kompetenti taw lil dak li ntqal f'din l-istqarrija.

20. Fil-partijiet rilevanti tal-istqarrija tiegħu, l-attur wieġeb kif ġej:

| | |
|---|---|
| »M | Dawn il-*joints* kif takkwistahom? |
| »T | Dawn nakkwistom billi nbigħ ftit ħaxixa, u ta' dan jiena nieħu żewġ *joints*. Kull tliet blokkok tal-ħaxixa li nbigħ nieħu waħda. |
| »M | Kemm tbigħ ħaxixa kuljum? |
| »T | Jiena nbigħ madwar tliet (3) biċċiet kuljum bil-ħames (5) liri l-blokka. |
| »M | Dan ix-xogħol għal min tagħmlu inti? |
| »T | Għal ċertu Noel *il-Griega*. |
| »... … … | |
| »M | Dan Noel *il-Griega* ġieli tak xi flus talli tagħmillu dan ix-xogħol ta' bejgħ ta' ħaxixa? |
| »T | Le, huwa jħallasni billi jagħtini blokka kull darba. |
| »M | Kemm ilek tagħmel dan ix-xogħol tal-bejgħ tal-ħaxixa? |
| »T | Ilni daqs xahar. |
| »M | Inti fejn tbigħ din il-ħaxixa? |
| »T | L-Isla ix-Xatt. |
| »M | Lil min tbigħha l-ħaxixa? |
| »T | Ġuvintur; dawn jiġu fuqi u isaqsuni jekk ikollix *smoke* għall-bejgħ.«[7] |

21. L-attur wieġeb għall-mistoqsijiet kollha magħmula mill-pulizija u l-pulizija rnexxielha tikseb ħafna informazzjoni importanti minnu matul l-interrogazzjoni. Ma hemmx dubbju li din l-istqarrija tat xiehda qawwija tal-ħtija tal-attur u kienet tikkomprometti l-posizzjoni tiegħu. Għalkemm din l-istqarrija tressqet flimkien ma' xiehda oħra u għalkemm wkoll ma ġietx iffirmata mill-akkużat, indubbjament issarrfet fi preġudizzju

---

[7] Ara *foll.* 11 *et seq.* 12 tal-atti tal-proċess kriminali.

sostantiv għall-akkużat fil-proċess penali; tant hu hekk li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Frar 2015 qalet hekk:

> »… … … hemm diverġenza totali bejn dak li l-imputat qal fl-istqarrija tiegħu, u dak li l-imputat xehed quddiem din il-qorti. Din il-qorti m'għandhiex dubju li dak li xehed l-imputat quddiemha m'huwiex veritier u m'għandux mis-sewwa, u huwa kontradett kemm bix-xiehda tal-ewwel uffiċjali prosekutur, l-Ispettur Alfred Mallia, kif ukoll mill-istqarrija tiegħu (tal-imputat) stess.
>
> »Kif intqal aktar il-fuq, fl-istqarrija tiegħu l-imputat ammetta li kien ilu xahar jitraffika madwar tliet biċċiet ħaxixa kuljum, fil-waqt li jabbuża hu stess mill-istess droga.
>
> »Konsegwentement, il-qorti issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu.«

22. Hekk ukoll il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2015 qalet kif ġej:

> »Illi minn eżami akkurat tal-atti probatorji joħroġ illi huwa minnu illi l-unika prova inkriminatorja fil-konfront ta' l-appellanti hija l-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija.
>
> »… … …
>
> »Illi fil-mori tal-kawża quddiem l-ewwel qorti xehed l-uffiċjal prosekutur dwar l-investigazzjoni magħmula u l-istqarrija rilaxxjata. Provi oħra mill-Prosekuzzjoni ma tressqux billi x-xhud Noel Dark għażel li ma jixhidx biex ma jinkriminax ruħu u ix-xhud Piju Micallef laħaq miet fil-mori tal-każ. Illi fis-seduta tad-19 ta' Ġunju 2006 kellhom jinbdew il-provi tad-difiża, iżda kien biss fid-09 ta' Ottubru 2009 li finalment xehed l-appellanti wara diversi differimenti, il-maġġior parti minnhom mitluba mid-difiża stess. «

23. Il-Qorti tal-Appell Kriminali wkoll iddikjarat illi meta jkun hemm konfessjoni da naħa tal-akkużat din titqies bħala "prova reġina" li "bit-tendenza inkriminanti tagħha ... twassal waħedha għal dikjarazzjoni ta' ħtija."[8] Hi kompliet tipprovdi kif ġej:

> »Illi fil-kamp penali, dejjem ġie ritenut li l-konfessjoni – popolarment magħrufa ukoll bħala l-i*statement* jew stqarrija tal-imputat jew akkużat – hija l-*prova regina* li tista' tressaq il-prosekuzzjoni biex tipprova l-ħtija

[8] Ara paġna 5 tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Diċembru 2015 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur A. Mallia) *v.* Trevor Bonniċi.

tal-persuna akkużata, dment li din tkun saret volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid, jew b'biża', jew b'wegħdiet jew twebbil ta' vantaġġi (art. 658 tal-Kodiċi Kriminali).

»Issa f'dan il-każ ma saret l-ebda prova li l-istqarrija ma kinetx ittieħdet volontarjament jew li kienet infiċjabbli minħabba xi waħda jew aktar mill-kawżi fuq imsemmija li jagħmluha inammissibbli. Lanqas ma saret l-iċken prova li tista' titfa' xi ombra ta' dubju fuq dak li xehdu l-uffiċjali tal-pulizija li kienu preżenti għaliha minn fejn joħroġ illi fl-ebda ħin ma lmenta magħhom l-imputat li kien bil-ġuħ jew inkella li ma ingħatax jiekol fil-ħin li inżamm taħt arrest.

»... … …

»Din il-qorti rriproduċiet il-brani rilevanti tal-istqarrija tal-appellanti biex jiġi illustrat kif l-appellanti ammetta b'mod inekwivoku li kien ibigħ id-droga lil terzi. Dan qalu u rrepetieħ aktar minn darba u saħansitra indika l-persuna li kien ifornilu d-droga sabiex tiġi spaċċata … … … Illi mbagħad meta tiġi mqabbla x-xiehda mogħtija mill-appellanti *viva voce* fil-qorti huwa bil-wisq evidenti kemm f'tali xiehda huwa kien qed jipprova jitfa' l-bżar f'għajnejn il-qorti biex isalva ruħu minn kundanna għall-akkuża serja dwar traffikar miġjuba fil-konfront tiegħu. Madanakollu l-appellanti ma irnexxilux jikkonvinċi lill-ewwel qorti dwar in-nuqqas ta' volontarjetà tad-dikjarazzjonijiet inkriminanti tiegħu u wisq anqas ser jirnexxielu jikkonvinċi lil din il-qorti. Magħdud dan għalhekk l-ewwel qorti ġustament wara apprezzament approfondit minnha magħmul ta' din il-prova ma kellhiex għalfejn ikollha l-iċken dubju raġjonevoli mill-ħtija tal-akkuża ta' traffikar li ġiet ammessa ripetutament mill-appellanti fl-istqarrija tiegħu.«[9]

24. Il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea ma tħallix li tingħata relevanza għall-konvinċiment tal-ġudikant illi aktar jista' jitwemmen dak li tkun qalet il-persuna interrogata fl-istqarrija milli dak li tgħid wara li tkun ikkonsultat avukat. Analiżi tal-istqarrija mogħtija mill-attur u tas-sentenzi mogħtija mill-qrati kriminali kompetenti fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum ma tħalli l-ebda dubju li l-attur instab ħati l-aktar jekk mhux għalkollox bis-saħħa tal-istqarrija li għamel, li kif rajna ttieħdet bi ksur tad-dritt tiegħu taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni. Ladarba s-sejbien ta' ħtija kien imsejjes l-aktar fuq l-użu ta' stqarrija li qatt ma messha intużat fil-proċeduri kriminali, għamlet sew l-ewwel qorti li ħassret dawk is-

9 *Ibid.* paġna 6 sa 8.

sentenzi u ordnat illi l-proċess kriminali jinbeda mill-ġdid wara li l-istqarrija titneħħa mill-inkartament.

25. Għalhekk, fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum, dikjarazzjoni tal-ksur tad-drittijiet fondamentali żgur ma tistax weħedha titqies bħala rimedju tajjeb u biżżejjed għax l-attur għandu jitqiegħed f'dik il-posizzjoni li kien ikun fiha likieku tħalla jkellem avukat qabel ma għamel l-istqarrija. Madankollu, ladarba l-attur sejjer jingħata wkoll ir-rimedju tat-tħassir tas-sentenza, din il-qorti hija tal-fehma li l-ammont ta' danni likwidat favur l-attur mill-ewwel qorti huwa eċċessiv u għandu jitnaqqas għal elf u mitejn euro (€1,200).

26. Għaldaqstant, u għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, din il-qorti tiċħad l-ewwel u t-tieni aggravji mressqin mill-Avukat Ġenerali, tilqa' *in parte* t-tielet aggravju tiegħu u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'kollox ħlief fil-parti fejn ordnat li għandhom jitħallsu danni mhux pekunjarji lill-attur fl-ammont ta' tlett elef euro (€3,000) u minflok tordna lill-Avukat Ġenerali sabiex iħallas lill-attur elf u mitejn euro (€1,200) bħala danni.

27. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad kif ukoll tal-appell, iħallashom l-Avukat Ġenerali.

Silvio Camilleri
President

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Noel Cuschieri
Imħallef

Deputat Reġistratur
mb